MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2014

Numru 191/2014

**Artikolu 261(d) u 281(a) tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**MARCELLINO MICALLEF**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MARCELLINO MICALLEF**, ta' 56 sena, iben il-mejjet Emanuel u l-mejta Helen xebba Calleja, imwieled Birkirkara, nhar it-18 ta' Awwissu 1957, u residenti No. 7, Triq Censu Busuttil, Iklin u detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 555957(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1) fis-27 ta' Dicembru, 2013, gewwa dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta seraq zewg grossos sigaretti Marlboro, liema serq huwa aggravat bil-persuna.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid, il-fedina penali tal-imputat u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Frar, 2014.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presdjeduta b'digriet tas-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef tal-21 ta' April, 2014 u din il-kawza

giet appuntata quddiem din il-Qorti kif presjeduta illum ghas-seduta tal-lum.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-lum tnejn (2) ta’ Mejju, 2014 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn (2) ta’ Mejju, 2014.

Il-Qorti qiset is-segwenti meta giet biex terroga l-piena idonea:

1. Il-kolloborazzjoni tal-imputat mal-Ufficjal Prosekutur sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe’ mill-mument li huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu nhar l-10 ta’ Jannar, 2014.
2. L-ammissjoni bikrija tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita’ moghtija lilu u cioe’ fil-prezentata nhar it-2 ta’ Mejju, 2014.
3. Il-fedina penali mhux daqstant reflettarja tal-imputat fejn hemm registrat fuqha reati in konnessjoni mal-ordinanza tat-traffiku meta nghata pieni pekunjarji u un conditional discharge.
4. Illi r-res furtiva giet ritornata lill-Prosekuzzjoni tant li tinsab esebita l-Qorti formalment mill-istess Prosekuzzjoni.

Ghalhekk in vista tas-suespost il-Qorti thoss li l-piena idoea ma ghandiex tkun dik ta’ prigunerija izda ta’ conditional discharge.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikolu 261(d) u 281(a) tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat MARCELLINO MICALLEF hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor ghal zmien sentejn mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------